**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Ottubru 2024**

**Rikors guramentat nru : 217/2020 AGV**

MCB bhala

Mandatarja specjali tal-assenti

KB

Vs

DV

**IL-QORTI:**

**Rat ir-Rikors Guramentat taì MCB bhala mandatarja Specjali tal-assenti KB li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-8 taì Gunju 2006 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghandhom minorenni, CJ li twieldet fit-22 taì Mejju 2009 u TH li twieled fit-13 taì Settembru 2013.

2. Illi l-partijiet kienu stabbilixxew id-dar matrimonjali taghhom u r-residenza ordinarja taghhom u tal-familja taghhom l-Ingilterra.

3. Illi l-partijiet iddivorzjaw permezz taì Divorce petition intavoltat mill-esponent fil-Qorti Ingliza f` Liverpool (LU15D10427) fil -11 taì Novembru 2015, b`digriet Finali fit-22 taì Novembru 2016 (**Dok. KB1**).

4. Il-partijiet ikkonkludew separazzjoni personali permezz taì kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Jean Carl Debono datat 2 taì Mejju 2016 (kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala (**Dok. KB2**), tali kuntratt gie finalizzat wara illi fit-2 taì Novembru 2015, l-intimata kienet bdiet proceduri taì medjazzjoni kontra l-esponent fil-Qrati Maltin u dan minkejja li l-proceduri fil-Qorti Ingliza kienu antecedenti ghal dawk Maltin u ai termini tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew nru 2201/2003, maghrufa bhala Brussels IIA il-Qrati Maltin kellhom icedu l-gurisdizzjoni taghhom lill-Qrati Inglizi. Effettivament l-esponenti jishaq illi l-kuntratt innifsu jmur kontra l- provvedimenti taì Brussels senjatament Artikolu 19 tar-Regolament Ewropew. Dan stante li anke f` klawsola 26 tal-kuntratt taì bejn il-partijiet l-intimata obbligat ruhha li tiffirma l-karti kolllha neccesarji ghad-Divorzju li kien gie intavolat l-Ingilterra qabel il-proceduri taì separazzjoni f`Malta.

5. Illi permezz taì klawsola 5, tal-kuntratt taì separazzjoni bejn il-partijiet, il-kura u kustodja giet fdata f`idejn il-mara. Inoltre skond Klawsola 6 tal-istess kuntratt l-attur kell jhallas is-somma taì tminn mitt Lira Sterlina (§800) fix-xahar bhala retta alimentari lejn uliedu, liema manteniment kellu jizdied ghal Elf Lira Sterlina (§1,000) fix-xahar meta jsir il-bejgh tal-propjeta 36, The Croft, Euxton Lancashire,PR7 6LH, Renju Unit.

6. Illi skond klawsola 9 tal-Kuntratt taì separazzjoni l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-Edukazzzjoni tal-minuri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs, b`dan illi meta jsier l-bejgh tal-Propjetaì 36, The Croft, Euxton Lancashire,PR7 6LH, Renju Unit l-ispejjez jinqasmu sittin fil-mija (60%) mill-esponent u erbghin fil-mija (40%) mill-intimata.

7. Illi skond klawsola 12 (a) ir-rikavat mill-bejgh tal-Propjetaì 36, The Croft, Euxton Lancashire,PR7 6LH, Renju Unit kellu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet madanakollu l-intimata kienet ghamlet pressjoni fuq l-esponent sabiex meta jsir il-bejgh tal-propjeta hi tigi assenjata aktar min-nofs u bdiet taghmillha difficli illi tiffirma d-dokumenti mehtiega ghal bejgh u dan kif jistaì jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk l -esponent kien ceda ghall-pressjonijiet tal-intimata biex hi giet assenjata hamsa u hamsin (55%) tar-rikavat, b`dan illi l-ammonut illi kien jeccedi s-sehem skond il-kuntratt kellu jaghmel tajjeb ghal-kwalunkwe nuqqas ta pagamenti taì manteniment. Tali ammont in eccess kien jekwivali ghal tlieta u erbghin elf Lira Sterlina (§43,000).

8. Illi eventwalment il-partijiet qablu illi l-esponent ghandu jibqaì jhallas l-ammont taì tmien mitt Lira Sterlina (§800). Dan l-arrangjament kien wiehed verbali, illi effettivament tali arrangament kien anke rifless fil-Consent Order abbozzat mir-rapprezentanti legali tal-intimata fl-Ingilterra

u dikjarazzjoni tal-arretrati taì manteniment kif intavolat mill-intimata mas-Central Authority fl-Ingilterra (**Dok. KB3**).

9. Illi inoltre, l-esponenti jirrileva illi llum il-gurnata huwa kellhu tibdil fic-cirkostanzi u ghalhekk hemm il-htiega illi jigi emendat il-kuntratt taì bejn il-partijiet u dan sabiex jirrifletti il-mezzi u c-cirkostanzi tal-partijiet u uliedhom illum il-gurnata.

**10.** Illi jigi rilevat illi fl-2016 l-esponenti kellu paga taì tmenin elf, sebaì mija u wiehed u sittin Lira sterlina (§80,761) fis-sena. Dak iz-zmien dan kien l-unika introjtu tal-familja stante li l-intimata ma kienetx tahdem waqt li kienet tirrisjedi l-Ingilterra flimkien maì zewgha u uliedha. Barra min hekk, dak iz-zmien l-esponent kien jghix fil-Puntent tal-Ingilterra vicin il-Belt taì Preston. Illum il-gurnata l-esponent ighix Londra fejn l-gholi tal-hajja huwa madwar id-doppju taì dak li kien ihallas fl- 2016 (Ara Dok. KB 4). Il-paga gross attwali taí tmienja u tmenin elf Lira Sterlina percepita mill-esponenti, ma tirriflettix tali differenza fl-gholi tal-hajja. Apparti minn hekk, l-esponent illum ghandu wild iehor xi jrabbi. L-esponent infurma illi l-intimata llum il-gurnata tahdem u ghalhekk jispetta fuqha wkoll l-obbligu li tmantni lill-uliedha skont il-mezzi taghha ai termini **taì Artikoli 3 u 3B tal-Kodici Civili.**

**11.** Illi l-esponent jinsisti illi kemm fl-2016, 2017 u 2018 dejjem hallas l-ammonti kollha dovuti minnu, u dan kif jidher mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati **Dok.KB 5** ó MADANAKOLLU, L-INTIMATA INTAVOLAT PROCEDURI fil-Qrati Maltin tallega illi s-somma taì ghoxrin elf mitejn u sitta u sebghin Lira sterlina (§20,267) kienet dovuta lilha bhala arretrati taì manteniment. Dawn il-proceduri qatt ma gew debitament notifikati lill-esponent u ghalhekk l-esponent qatt ma seta

jiddefendi ruhu dwar dan. Eventawalment l-intimata, wara li ottjeniet digriet favur taghha il-Qrati Inglizi kontra l-esponent. L-esponent mhux biss jinnega li hu naqas minn dmiru, izda jinsisti illi l-proceduri ntavolati mill-intimata fit-18 taì Settembru 20118, u l-ordni taì infurzar illi mexxiet bih l-Ingilterra qatt ma kellhom isiru a bazi taì fatt u dritt kif jistaì jigi ampjament ippruvat waqt il-prosegwiment taì din il-kawza.

12. Illi f dan l-istadju, l-esponent jixtieq jifformalizza l-qbil verbali illi kien sar bejn il-partijiet, liema qbil jirrifletti aktar ic-cirkostanzi prezenti tal-partijiet u ghalhekk qieghed jitlob sabiex il-kuntratt li hemm bejn il-partijiet jigi debitament emendat.

13. Illi l-esponent intavola proceduri taì medjazzjoni (Ittra Nru 1255/2019/JPG) liema medjazzjoni, giet maghluqa fl-20 taì Lulju 2020, sussegwentement l-esponent gie awtorizzat jintavola din il-kawza permezz taì Digriet taì dina l-Onorabbli Qorti tad-9 taì Novembru 2020, hawn anness u mmarkat **Dok. KB 6** sat -30 taì Novembru 2020.

Ghaldaqstant l-esponent, in vista taì dak kollu fuq premess u prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment li jidhrilha opportun, umilmemt jitlob illi dina l-Onorabbli Qoti joghgobha:-

1. Tordna illi tigi varjata l-klawsola 6 tal-kuntratt taì separazzjoni bejn il-partijiet minnhom konkluz nhar it-2 taì Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono sabiex il-pagamenti mensili taì retta alimentarja dovuti minnu u pagabbli lill-intimata jitnaqqsu ghal tmien mitt Lira sterlina (§800) fix- xahar u dan bì mod retroattiv sa mill-2016.

2. Tordna illi tigi varjata l-klawsola 9 tal-kuntratt taì separazzjoni taì bejn il-partijiet minnhom konkluzi nhar it-2 taì Mejju fl-atti tan-nutar Dottor Jean Carl Debono sabiex l-ispejjez taì sahha u edukazzjoni jibqghu jinqasmu b`mod ugwali bejn il-partijiet.

3. Tiddikjara illi l-proceduri intavolati mill-intimata fit-18 taì Settembru 2018 fejn allegat arretrati taì manteniment u l-ordni taì infurzar sussegwenti illi mexxiet bih l-Ingilterra kontra l-esponent qatt ma kellhom isiru stante li dawn li saru kontra r-rekwiziti tal-Ligi.

4. Tahtar Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat u tordna li tali kuntratt bl-emendi relattivi jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

5. Tawtorizza lin-Nutar appuntat ai termini tat-talba precedenti sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat u tordna li tali kuntratt bl-emendi relattivi jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Salv ghal kwalunkwe provvediment ulterjuri illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqaì minn issa ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta guramentata taì D V,** fejn eccepiet is-segwenti :-

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom ghar-ragunijiet kif hawn aktar íl isfel elenkati:-

1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti sabiex tidderimi t-tielet talba rikorrenti; dan ghaliex il-kompetenza taì din l-Onorabbli Qorti hija arginata fil-Leg. Suss. 12.19 tal-Ligijiet taì Malta li jipprekluduha milli tiehu qies tal-imsemmija tielet talba rikorrenti.

2. Fit-tieni lok, minghajr hsara ghall-premess, ukoll in linea preliminari, il-kawza odjerna hija nulla in kwantu ma gietx intavolata fit-terminu hekk kif stabbilit mill-art. 11(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Ligijiet taì Malta.

3. Fit-tielet lok, minghajr hsara ghall-premess, fil-mertu, l-att pubbliku tat-2 taì Mejju 2016 gie mfassal, maqbul mir-rikorrenti, u awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, ma tezisti ebda raguni valida fil-Ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti takkolji l-varjazzjonijiet mitluba.

4. Fir-rabaì lok, bìzieda mal-premess, fic-cirkostanzi, ma tezisti ebda raguni sabiex din l-Onorabbli Qorti timxi lilì hinn mill-principju governanti taì *pacta sunt servanda.*

5. Fil-hames lok, minghajr hsara ghall-premess, fil-mertu, anke kieku din l-Onorabbli Qorti kellha temmen lir-rikorrenti meta huwa jsostni li ssalda kull somma minnu dovuta skont l-att pubbliku tat-2 taì Mejju 2016 in linea taì retta alimenatari u spejjez (fatt kontestat ghall-ahhar), ma tistaì qatt takkolji t-talbiet rikorrenti bìeffett retroattiv, dan in virtu taì dak li jiddisponi l-art. 22 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet taì Malta.

6. Fis-sitt lok, ukoll bìzieda mal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma lesivi mhux biss in vista tad-drittijiet tal-esponenti, izda anka ghad-drittijiet tal-ulied minorenni tal-kontendenti; tali talbiet certament ma humiex fl-interess suprem tal-minorenni.

7. Fis-sebaì lok, in aggjunta mas-suespost, din il-kawza, ntenatata wara aktar minn erbaì snin u nofs mill-pubblikazzjoni tal-att taì separazzjoni personali bejn l-kontendenti, mìhi xejn ghajr tentattiv ennesimu tar-rikorrenti li jkompli jabdika mill-obbligi genitorili tieghu u jistultifika l-process inizjat mill-istanti gewwa l-Barnet Family Court.

8. Fit-tmien lok, it-talbiet rikorrenti jibqghu nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u bìriserva taì kwalunkwe azzjoni spettanti lill-intimata.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1.Kurt Buhagiar jispjega li hu u l-konvenuta kienu zzewwgu fit-18 taì Gunju 2006 u fiLulju, 2006 kienu marru jghixu Londra peress li kien qed jispecjalizza fil-psikjatrija u l-konvenuta kienet qed tistudja ghall-PHD.

Miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal u jispjega li fl-2014 sab xoghol permanenti Lancashire u kienu marru joqoghdu hemm. Ighid li dak iz-zmien hu biss kien jahdem ghaliex il-konvenuta kienet baqghet tistudja. Fuq insistenza tal-attur stess, ighid li kienu xtraw post Lancashire, filwaqt li l-post fejn kienu jghixu Londra kienu krewh.

Izid ighid li minhabba dan il-piz tad-dejn fuq id-dar gab hafna pressjoni fuqhom bhala koppja u anke kien hemm pressjonijiet ohrajn da parti tal-konvenuta li wassluhom sabiex jisseparaw fiDicembru, 2014 izda ghamlu zmien ighixu taht l-istess saqaf sakemm fiAwissu, 2015, il-konvenuta nizlet Malta bit-tfal.

Jispjega li fiLulju, 2015 l-avukat Ingliz tieghu kienet baghtet Draft Application Notice lill-konvenuta u kien biss fiNovembru wara li l-avukat tal-konvenuta rrispondiet li setghu jintavolaw l-application notice finali.

L-ghada l-konvenuta kienet dahlet ittra taì medjazzjoni fil-Qorti taì Malta u ma kien ircieva xejn dwar dan, hlief meta kienet infurmatu l-konvenuta li kien hemm l-ewwel laqgha fiJannar, 2016. Kienu nzammu zewg seduti taì medjazzjoni u kien hawn li wasslu ghall-ftehim bonarju - li ffirmaw fiMejju, 2016. Jispjega li kienu ftehmu li sakemm id-dar li kellhom fiLancashire ma tinbieghx, il-manteniment ikun taì §800 fix-xahar u kemm-il darba dina l-proprjetaì tinbiegh il-manteniment ikun taì §1,000 fix-xahar skond kif miftiehem fil-klawsola 6 tal-istess kuntratt.

Izid ighid li l-konvenuta obbligat ruhha li tiffirma d-divorzju biss wara li jigi ffirmat il-kuntratt taì separazzjoni.

Skond il-kuntratt kienu ftehmu li d-dar matrimonjali li kellhom Enfield inbieghet fi Dicembru, 2015 ghall-valur taì §215,120 u r-rikavat inqasam in kwantu 60% ghall-konvenuta u cioeì §129,061 u 40% lilu u cioeì §86,041. Kien fuq insistenza tal-konvenuta li kellu jkun hemm dina d-diskrepanza u dan sabiex ikollha sigurtaì fikaz li ma jhallasx manteniment. Id-dar kienet inbieghet fi Ottubru, 2016 u kien telaq minn hemm peress li l-konvenuta ma riditux jibqaì jghix hemm. Kien kera fond ghall-valur taì §1,300 Sterlina fix-xahar u baqaì jhallas il-loan taì §320,000 wahdu, liema dejn kien jinqataì fl-ammont taì §1,666 Sterlina fix-xahar.

Wara li nbieghet id-dar kienu hallsu d-dejn u kien baqaì profitt taì §42,924 u nqassam in kwantu 55% lill-konvenuta (§24,462) u 45% lilu (§18,462). Dan sar minkejja li fiklawsola 12(a) tal-kuntratt taì separazzjoni r-rikavat mill-bejgh kellu jkun fi kwoti ndaqs bejniethom.

Kien sar ftehim verbali minhabba dawn l-arrangjamenti li l-manteniment li jibqaì jhallas ghandu jkun fl-ammont taì §800 u ma jizdidx ghall-§1,000 fix-xahar. Jikkonferma li dan ma jirrizulta minn imkien fil-kuntratt, izda kien hemm ftehim verbali fidan is-sens. Jirribatti ukoll li din l-ispartizzjoni inekwa saret minhabba li kien hemm krediti dovuti lill-konvenuta u jghid li lanqas ma jirrizulta li hemm xi provi bil-miktub.

In kontro-ezami jikkonferma li l-konvenuta kienet harget izjed ghad-depozitu fuq l-akkwist tad-dar matrimonjali, peroì jghid li matul iz-zmien kien hallas il-*mortgage* mensili u ghalhekk prattikament il-flejjes li hargu kienu ekwi.

Ikkonferma ukoll li kien hemm self da parti tal-familja tal-konvenuta.

Izid ighid li l-konvenuta kienet bdiet tinsisti li t-tfal jattendu skola privata u kien kontriha, izda peress li kienet bdiet tahdem Chiswick House School u St.Martinìs College, baqghet tinsisti li t-tfal ghandhom jattendu dina l-iskola u hekk ghamlet. Kien ihallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi, izda l-konvenuta lanqas kienet tnaqqas il-25% skont li kellha bhala ghalliema fl-istess skola u lanqas kienet tnaqqas ir-rebate tal-Gvern. Izid ighid ukoll li l-konvenuta qatt ma bghatitlu rcevuti tal-pagamenti ghal kull semester tal-iskola.

Jinsisti li lanqas kienet tibghatlu ircevuti taì spejjez ohra li kienet taghmel u jikkontesta l-ispejjes li qed tippretendi fil-proceduri li bdiet fìSettembru, 2018 ghall-ispejjez tal-pjanu, zfin u anke kartolerija, meta dawn suppost gew koperti mis-somma mensili tal-manteniment. Qatt ma kienet baghtitilu email jew messagg sabiex ihallas dawn l-ispejjes, kienet hafna drabi titolbu verbalment waqt li jkun qed jitkellem mat-tfal fil-hin tal-access tieghu.

Meta bdew il-proceduri l-Qorti, il-konvenuta bdiet titlob hafna spejjez ohra li qabel ma kinitx talbithomlu. Minkejja dan kollu baqaì jhallas l-ammont taì §800 fix-xahar sa Marzu, 2019. Jispjega li gimgha qabel it-8 taì Marzu, 2019, kien ircieva avviz l-Inghilterra mill-Qorti Ingliza, fejn il-konvenuta kienet qed titlob arretrati taì manteniment íl fuq minn §7,000 u kien hemm ammont iehor taì §4,000 indikat. Bìhekk gie li huwa debitur fl-ammont taì §11,442. Jirrizulta li dan kien gej minn *enforcement orde*r taì sentenza li ottjeniet il-konvenuta hawn Malta. Jinsisti li kien qed jopponi ghaliha peress li qatt ma kien gie notifikat bìdin ir-rikors ghall-arrretrati.

Jispjega li fiJannar 2019, kien ircieva ittra mill-avukat tal-konvenuta fejn allega li kellu jaghti erbatax-il elf u mitejn Sterlina lill-konvenuta fuq arretrati li akkumulaw skondha minhabba nuqqas taì hlas. Jinnega li dan kien minnu u lanqas ma pprezentat kalkolazzjoni kif wasslet ghalihom.

Ikompli jghid li l-istess avukat kien ipprezenta rikors generali fit-18 taì Settembru, 2018 fejn il-konvenuta sostniet li kien hemm arretrati taì hlas taì manteniment.

Dawn il-proceduri jghid li sar jaf bihom biss fit-13 taì Marzu, 2019 meta kien gie notifikat mill-Qorti tal-Inghilterra. Hemm sab diversi rcevuti li qatt ma kienet ghaddietlu u lanqas ma gie notifikat bihom, ghalhekk qatt ma setaì jhallashom.

Izid ighid li l-konvenuta kienet kitbet email fis-27 taì Mejju, fejn infurmatu li kienet iddecidiet li twaqqaf kull procediment legali go l-Inghilterra, izda fir-realtaì dan ma kienx minnu. It-talba fil-proceduri li nzammu l-Inghilterra kienet taì tmintax-il elf Lira Sterlina.[1]

Jammetti li fl-2019 ghadda manteniment lill-konvenuta fi Frar, Marzu u Settembru u ma kienx ghamel pagamenti ohra peress li kien gie rinfaccjat bìhafna problemi finanzjarji u ghalhekk ma setax ilahhaq bl-ispejjez taì §8,000 Lira Sterlina fix-xahar. Semmai minhabba d-differenza fl-ammont li hadu, l-konvenuta kienet koperta ghall-hlas taì manteniment.

Izid ighid li l-Qorti tal-Inghilterra assumiet li huwa qatt ma hallas u peress li assumew li kellu jghaddi l-flus lil Qorti, kif qed jaghmel illum, izda ma kienx il-kaz dak iz-zmien, l-arretrati ghalihom bdew jakkumulaw u jakkumulaw. Sadanittant kien qed jaghmel il-pagamenti. Izid ighid li l-Qorti tal-Inghilterra

[1] Dok. KB 7

kienet ipprocediet biex tenforza l-arretrati mitluba mill-konvenuta a bazi taì ittra mibghuta mill-konvenuta u ghalhekk telghu ghal tmintax-il elf, mitejn u sebgha u sittin sterlina.

Isemmi ukoll li fìSettembru, 2019 fetah proceduri taì medjazzjoni fìMalta sabiex jikkontesta l-kwantifikazzjoni tal-konvenuta u jitlob lil Qorti sabiex tbiddel il-kuntratt taì separazzjoni. Il-Qorti Ingliza kienet waqfet temporanjament il-procediment legali fl-Inghilterra waqt li qed tistenna decizjoni mill-Qorti taì Malta. Jikkonferma li l-medjazzjoni li kienu fethu originarjament kienet giet maghluqa fuq ittra fl-20 taì Lulju, 2020 (ittra 1255/2019) u ghalkemm il-Qorti kienet ordnat li jipprocedu bìkawza, ma kienx gie nfurmat.

Izid ighid li l-assunzjoni li ghamlet il-Qorti fl-2015, 2016 u 2018 kien li hallas inqas milli kien dovut lill-konvenuta u li wara Dicembru, 2019 ma kien hallas xejn u ghalhekk ikkonkludiet li kien hemm arretrati taì sebgha u tletin elf Lira Sterlina.

Isemmi li fl-2019 u l-2020, ma kienx baqaì jhallas regolarment, peroì kien hemm ragunjiet ghal dan, primarjament minhabba li kien sar pagament zejjed qabel, kellu spejjez legali eccessivi li ma setax ihallas u fil-fatt kien qed jaghmel hafna dejn.

Ighid li kien hemm tlett elef sterlina mill-bejgh tad-dar li marru direttament ghall-manteniment u ghalhekk ma kienx hallas manteniment.

Jispjega li minn Ottubru, 2020, regaì kien fìposizzjoni li jhallas il-manteniment wara li nghata posizzjoni u minn Dicembru beda jhallas §1,000 fix-xahar in segwitu ghall-ordni tal-Qorti Ingiliza fis-17 taì Dicembru, 2020.

Izid ighid li dejjem hallas manteniment sakemm il-problemoi bdew fl-2019 u fl-2020. Kien ihallas dierettament fikont tal-HSBC L-Ingilterra.

Illum ighid qed jikkontesta il-hlas taì manteniment mhux ghax regaì zzewweg u ghandu familja ohra, izda minhabba li l-konvenuta tahdem u ghalhekk ghandha ukoll tikkontribwixxi lejn uliedha.

Jikkonferma li prezentement huwa jahdem bhala konsulent psikjatra gewwa Eastland Foundation Trust. Bhala paga jikkonferma li ghandu §89,000 fis-sena li minnhom jitnaqqsu ukoll il-pensjoni u l-kontribuzzjoni tat-taxxa u fiidejh ikollu cirka §70,000.

Dwar il-kuntratt jikkonferma li qatt ma kien hemm varjazzjoni, li kien hemm biss varjazzjoni verbali  u dan kien ghall-habta taì Ottubru, 2016 u cioeì mal-bejgh tad-dar.

In kontro-ezami jkompli jghid li bejn Ottubru, 2016 sa Marzu, 2019, il-komunikazzjoni bejnu u l-konvenuta kien minimu u kien tramite emails u gieli kien hemm telefonati peress li waslu ghall-ftehim verbali.

**2. DV**   in subizzjoni kkonfermat li tahdem full-time l-Universitaì tahdem ukoll part-time l-iskola fejn kienet tahdem St.Martinìs college, bhala replacement.

Tghid li l-business tal-cards, donnu qatt ma beda u bhala konsultazzjoni ghamlet ftit xhur.[2]

Meta giet lura fiSettembru, 2015 kienet bdiet tahdem mill-ewwel fil-Kullegg St. Martins bhala ghalliema. Fl-2021 bdiet tahdem full-time l-Universitaì u tghid li ghandha differenza fil-paga taì cirka tlett mija jew erbaì mija.

---

[2] Dok. DV  1 a fol. 123

Il-konvenuta pprezentat prospett fejn ikkalkolat dawk li huma l-arretrati taì manteniment. Tispjega li skond il-kalkolazzjonijiet taghha dawn jammontaw ghal §47,290. Maì dawn tghid li jridu jizdiedu l-ispejjes medici fejn 60% tal-ispejjez jammontaw ghal Å2,628[3] u dan sa Marzu, 2022 li jammontaw ghal cirka §49,465.

Il-konvenuta tirribatti l-pretensjoni taì zewgha li hi hadet §43,020.53 iktar minnu mal-bejgh tad-dar matrimonjali Londra, izda tghid li kienet hadet izjed biex jigu saldati krediti favuriha li kienu Å41,538 li kienet harget hi bhala sehemha ghall-akkwist tad-dar matrimonjali, flimkien maì Å5,000 ohra li kienu tawha donazzjoni l-genituri taghha. Kien hemm ukoll kreditu taì Å15,000 sabiex jigi saldat self li kien tawhom iz-ziju taghha.[4]

Il-konvenuta tikkonferma li t-tfal minuri jattendu St. Martins College. Tghid li hi thallas il-mizati tal-iskola, flimkien mal-kotba. Thallas ukoll il-lezzjonijiet taz-zfin u basketball u tal-pjanu, kif ukoll il-minuri Thomas kellu bzonn *educational psychologist k*if ukoll *occuptional therapy* u kienet tiehu hsieb dawn l-ispejjes. Kien hemm spejjes relatati mal-*braces* li kellha bzonn K , kif ukoll dawk taì psychotherapist ghaz-zewg uliedha. Spejjes medici regolari kienet tiehu hsiebhom hi ukoll.

Il-konvenuta tikkonferma li kienet tibghat lil zewgha emails jew tipprova ccemplilu sabiex ihallas sehemhu minn dawn l-ispejjes, izda qatt ma rrisponda u kienet tissuspetta li kienet *blocked* u kien ghalhekk li kienet qatghet qalbha. Tikkonferma li llum tircievi §1000 ghaz-zewgt itfal.

---

[3] Doks. DV 1 – DV 3

[4] Doks. DV 4 u DV 5

Dwar in-necessitaì tal-psikoterapista tikkonferma li kienet ikkomunikat maì zewgha u anke kienet ikkomunikat mieghu l-istess psikoterapista. L-attur beda jopponi peress li ppretenda li ghandha taghmel uzu mis-servizz tas-sahha li kienu bìxejn mill-Gvern taì Malta u ghalkemm ippruvat kienu tawha appuntament ghax xhur wara, meta hasset il-htiega li ma ddumx daqshekk. Tammetti li jkollha tiehu decizjonijiet wahedha u dan minhabba li l-attur ma jirrispondix meta tikkomunika mieghu u jkollha tiehu decizjonijiet specjalment meta jkunu urgenti.

Tispjega ukoll li ghalkemm l-attur kien qed jippretendi li tbiddel l-iskola tal-minuri, ma setghetx taghmel hekk minhabba li t-tfal kienu ghaddejjin minn hafna u fuq kollox kien kontra l-parir tal-professjonisti li jbiddlu l-iskola tat-tfal. Tikkonferma ukoll li ma kinitx irrispondiet ghall-ittra tal-attur. Izid tghid li kuntenta bl-§1000 fix-xahar u diosposta li tohrog l-ispejjes l-ohra li hemm, peroì ser tibqaì tinsisti fuq l-arretrati.

Ipprezentat prospett fejn ikkonfermat li il-arretrati taì manteniment u spejjez relatati mal-minuri li qed tippretendi minghand l-attur jammonta ghal §47,290.[5]

**3**.**Joseph Debono** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jghid li ai finijiet tat-taxxa skond l-Artikolu 14B tal-Income Tax Act, dwar mizati tal-iskola, il-ligi tirrikjedi li biex tiehu lura l-mizati, dan irid jigi ccertifikat barra d-deduzzjoni. Ic-certifikat ikun iffirmat mil-Head of School, imbaghad jircievi d-data, timtela l-applikazzjoni u ssir l-claim ghad-deduction.

It-tax payer imbaghad fil-prospett tat-taxxa jrid jaghmel talba ghar-*rebate*. Jekk ikun hemm tfal bl-*ispecial needs,* trid issir claim ghar-riduzzjoni tal-mizati mhallsa ghall-f*acilitator*.

[5] A fol. 502

4. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali jikkonferma li l-konvenuta kienet tircievi c-childrens allowance bhala beneficcji.

5. **Dr. Alexia Aquilina** in rapprezentanza tal-Qrati Maltija tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet kien hemm hames proceduri bejn il-partijiet u dwar ir-rikors promotur jirrizulta li ma kienx hemm notifika.[6]

6**. Louis Buhagiar** in rapprezentanza taì Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-konvenuta.[7] Ilha mill-1 taì Gunju, 2021 tahdem bhala *full-time lecturer* fl-Universitaì taì Malta. Imbaghad jikkonferma li jirrizulta li tahdem *self-employed, part-time, consultation in education* u ilha mit-13 taì Ottubru, 2017 u ghadha hekk sallum. Jirrizulta li tahdem *part-time self-employed fl-import of retail sale of cards and gifts.*

7. **Jacqueline Fenech** in rapprezentanza tad-Director for Human Resources Management and Development at the University of Malta pprezentat l-FS 3 ís tal-konvenut ghall-perjodi bejn 2018 u 2020. Tikkonferma li l-konvenuta kienet saret resident academic partner mill-1 taì Gunju, 2021.[8]

8. **Marion Portelli** in rapprezentanza taì St. Martins College filò kapacitaì taghha taì senior middle leader, HR and Finance u pprezentat l-FS 3ìs ghas-snin 2016 sa 2020 u l-ahhar payslips. Ikkonfermat ukoll li l-konvenuta kienet bdiet

---

[6] Doks. AA1 – AA 4
[7] Dok. LB 1
[8] Dok. JF 1

tahdem maghhom mis-16 taì Settembru, 2015 sal-31 taì Mejju, 2021, kienet full-time, imbaghad bdiet part-time mill-1 taì Gunju u ghadha hekk sallum.[9] Il-paga taghha kienet cirka taì Å1300 plus allowances.

**9. B u J V ,** il-ġenituri tal-konvenuta jikkonfermaw li kienu ddonawlha Å5000 u dan kien fl-2009 sabiex ighinuha finanzjarjament peress li kienet ser tixtri proprjetaì flimkien maì zewgha fl-Inghilterra. Din kienet inghatat bil-buona volontaì taghhom.

**Konsiderazzjonijiet**

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Il-konvenuta qed tecepixxi n-nuqqas taì kompetenza taì dina l-Qorti sabiex tidderimi t-tielet talba rikorrenti stante li l-kompetenza hi arginata fil-L.S. 12.19 li jipprekludiha milli tiehu qies tal-imsemmija tielet talba.

L-attur jirrileva li dina l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta u dan minhabba li l-eccezzjoni hija wahda generika, li ma tiddentifikax taht liema regolament qed isejjes l-eccezzjoni u kwindi mhux identifikabbli n-nuqqas taì kompetenza li qed talludi ghaliha l-konvenuta.

Il-Qorti ser tirrespingi dina l-ewwel eccezzjoni u dan meta taqbel maì dak sottomess mill-attur. Il-kawza intavolata hija dwar varjazzjoni fil-kuntratt taì separazzjoni datat 2 taì Mejju, 2016, kif ukoll qed jikkontendi li l-proceduri ntavolati mill-konvenuta fit-18 taì Settembru, 2018, mertu tar-rikors 417/18 fejn allegat arretrati taì manteniment, kif ukoll talbet ordni tal-infurzar minn proceduri

[9] Dok. MP1

li fethet fl-Inghilterra ma kellhomx isiru stante li dawn saru kontra r-rekwiziti tal-ligi.

Ir-Regolament 4 tal-L.S. 12.19 jipprovdi li dina l-Qorti ghanhda tigi assenjata dawk il-kawzi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u ghandhom xìjaqsmu maì, fost ohrajn ¨ (a) It-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili... º Meta l-konvenuta fethet proceduri fejn it-talbiet taghha kienu pretensjoni taì arretrati taì manteniment fl-ammont taì Å20,267, din tinkwadra ruhha taht it-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kap.16, fìdik li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri u ghaldaqstant taqaì taht il-kompetenza taì dina l-Qorti.

Inoltre, Regolament 10 (C) tal-L.S. 12.20 ikopri l-istess talbiet, stante li l-istess Regolament jipprovdi li s-Sezzjoni tal-Qorti tal-Familja, tismaì kwistjonijiet dwar il-kustodja, manteniment u access taì uliedhom, dwar manteniment bejn il-konjugi, bidliet fìkull haga regolata minn sentenza taì separazzjoni personali jew minn kuntratt taì separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza taì divorzju kif ukoll dwar tibdil fi ftehim dwar kull haga relatata dwar il-kustodja, manteniment u access tal-ulied. Ghaldaqstant dina it-tielet talba tirrigwarda manteniment u ghalhekk taqaì fil-kompetenza tal-Qorti.

Il-Qorti ukoll taqbel mat-tezi tal-attur, u cioeì li ghall-ekonomija taì gudizzju gialadarba mìhemmx kontestazzjoni fuq il-kompetenza fuq it-talbiet numri 1, 2,4, u 5 stante li jikkoncernaw varjazzjoni tal-kuntratt taì separazzjoni, it-tielet talba ghandha titqies li ssegwi l-bqija tat-talbiet. Dan kien il-bazi tar-ragunar tal-Qorti fil-kaz fl-ismijiet **AB vs CB** Rik. Gur. 141/2011 ¨ ....***Ghalkemm it-talbiet l-ohra jirreferu ghall-adempjiment taì kuntratt u wahedhom setghu jsiru quddiem il-PrimìAwla peroì hi l-fehma tal-Qorti li t-talbiet l-ohra ghandhom isegwu t-***

***talba ghall-varjazzjoni kemm ghax konnessi mal-istess kuntratt u ukoll biex ma jkunx hemm tixrid taì kawzi quddiem sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili. º***

Ghaldaqstant, in vizta taì dak suespost, tichad l-ewwel eccezzjoni.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Il-konvenuta eccepit in-nullitaì tal-kawza in kwantu ma gietx intavolata fit-termini stabbiliti mill-Art.11(1) tal-L.S. 12.20.

Skond l-Artikolu 11(1) tal-L.S. 12.20 jekk il-partijiet jonqsu li jaslu ghall-ftehim quddiem il-medjatur, il-Qorti ghandha tawtorizza lill-partijiet biex jibdew proceduri taì separazzjoni fi zmien xahrejn jew perjodu itwal li jistaì jigi moghti ghal raguni gravi.

Jirrizulta li l-partijiet inghataw terminu estiz sat-30 taì Novembru, 2020 sabiex jintavolaw il-kawza u dan permezz taì digriet tad-9 taì Novembru, 2020. L-azzjoni odjerna jirrizulta li giet intavolata fis-26 taì Novembru, 2020 u cioeì fit-terminu estiz koncess.

Ghaldaqstant, anke dina l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

**<u>It-Tielet u r-Rabaì Eccezzjoni</u>**

Fìdawn l-eccezzjonijiet mressqa mill-konvenuta, tikkontendi li mìhemm l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex il-Qorti takkolji l-varjazzjoni mitluba u ghandu japplika l-principju taì pacta sunt servanda.

Il-partijiet donnhom qedghin fuq l-istess livell taì interpretazzjoni, in kwantu t-tnejn igharrfu li minkejja l-principju taì *pacta sunt servanda*, hemm certu eccezzjonijiet ghal dina r-regola, u dan mhix ghax mhux qedghin fil-kamp kummercjali kif tikkontendi l-attrici nomine, izda peress li l-gurisprudenza nostrana zvillupat u wessghat dan il-principju.

***"Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak mifitiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natua gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentari (pattwita) allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni." Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali duq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabath kontrattwalment li jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."***[10]

Hekk ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**, il-Qorti tal-Appell osservat li min jitlob varjazzjoni tal-obbligu tal-manteniment ghandu jgib provi "*cari, oggettivi u inwkwivoci*" sabiex jikkonvinci lill-Qorti illi l-intervent taghha huwa mehtieg.

[10] Joseph Muscat vs Karen Caruana deciza fid-19 ta' Gunju, 2023

*"Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "pacta sunt servanda" u l-principju l-iehor daqstant important "ad impossibilita' nemo tenetur."*

*"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju " ad impossibilita' nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistgux ikunu oggett ta' kuntratt."*

*"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.*

*Gie ukoll ritenuto mill-Qorti tal-Appell illi "….jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-*

***konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."*** [11]

Inoltre, ir-Regolament 10(c) tal-L.S.12.20 jipprovdi li persuna tistaì tipprocedi quddiem din il-Qorti sabiex isir ¨ tibdil fil-ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) dwar il-kustodja, manteniment u access tal-ulied. º

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ser tirrespingi dawn iz-zewg eccezzjonijiet u tiddetermina l-elementi necessarji sabiex thalli li ssir varjazzjoni o meno.

**Il-Hames Eccezzjoni**

Fìkaz li din il-Qorti temmen lir-rikorrenti ssalda kull somma dovuta minnu skond il-kuntratt tat-2 taì Mejju, 2016 in linea tar-retta alimentari u spejjez ma tistaì qatt takkolji t-talbiet rikorrenti bìeffett retroattiv ai termini tal-Art.22 (1) tal-Kap.16

L-artikolu 22 (1) tal-Kap.16 jipprovdi s-segwenti :-

***¨ Min ikun ta l-manteniment mìghandux jedd jitlob ir-radd taì dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghaliha kien obbligat ghall-manteniment. º***

Sallum l-attur hu obbligat li jhallas il-manteniment ghall-minuri skond il-kuntratt tat-2 taì Mejju, 2016 fis-somma taì §1,000 fix-xahar u kif ordnat skond il-proceduri ntavolati mill-konvenuta fit-18 taì Settembru, 2018 u sussegwentement l-ordni tal-infurzar. Ghalhekk jirrizulta carament li l-attur dejjem ghandu l-obbligu li jkompli jhallas l-alimenti.

[11] Edward Galea vs Josephine Galea deciza fil-15 ta' Mejju, 1998

Kif issottomettiet il-konvenuta, l-alimenti dejjem jithallsu ghall-beneficcju tal-kreditur ghall-sopravivenza tieghu u ghalhekk la jigu kkunsmati l-attur ma jistax jitlob ir-radd lura taì dawn il-hlasijiet.

Bir-rispett kollu, il-partijiet mhumiex cari fis-sottomissjonijiet taghhom in kwantu jirrigwarda dina l-eccezzjoni u dan meta effettivament, l-attur qed jitlob varjazzjoni tal-kuntratt taì separazzjoni in kwantu jirrigwarda l-hlas taì manteniment ghall-minuri u sakemm jieqaf it-terminu ghall-hlas taì manteniment ir-raguni dejjem hemm ser tkun sabiex il-konvenuta tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tfal u ghalhekk talba ghar-rifuzjoni ma tistaì qatt issir.

L-attur jirrileva li jekk biss dina -Qorti kellha takkolji l-ewwel u t-tielet talba attrici, wara li tinghata s-sentenza, hu jkun jistaì jitlob lura kwalsiasi spejjez li jkun hallas wara d-data tas-sentenza. Dina l-Qorti ma taqbilx maì dina s-sottomissjoni íl ghaliex wara li tinghata s-sentenza ghad hemm obbligu ghall-hlas taì manteniment versus uliedu.

**Mertu**

**It-Tnaqqis tar-Retta Alimentari**

Illi fl-ewwel talba attrici, qed tintalab varjazzjoni fiklawsola 6 tal-kuntratt taì separazzjoni sabiex il-manteniment jitnaqqas ghal §800 fix-xahar u mhux §1,000.

Sabiex dina l-Qorti tvarja dina l-kawza jehtieg li jrid ikun hemm provi

¨ cari, konkreti u inekwivoci.. º

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur illum jahdem bhala konsulent psikologu u ghandu paga taì cirka §70,000 netti fis-sena, u dan wara li jitnaqqsu t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet. Minn meta kien iffirma l-kuntratt sallum, l-impjieg tieghu

tjieb u fl-istess mod anke l-paga tieghu, tant hu hekk, li l-istess attrici nomine tikkonferma li meta zdieditlu l-paga kien fìposizzjoni jergaì jibda jhallas il-§1000 sterlina fix-xahar ghall-minuri.

Mhix gustifikabbli l-pretensjoni tieghu li jnaqqas il-manteniment ghaliex illum ghandu wild iehor minn zwieg iehor, ghaliex qabel ma regaì zzewweg kien ben konsapevoli taì xìinhuma l-obbligazzjonijiet tieghu ai termini tal-kuntratt taì separazzjoni.

Jirrizulta ukoll li l-konvenuta tahdem bhala lecturer l-Universitaì u anke taghmel xi part-time job, fejn l-introjtu taghha huwa taì cirka Å39,000 u huwa a bazi taì dan li l-attrici nomine qed titlob li l-ammont taì manteniment jigi varjat.

L-attur jikkontendi li anke jekk l-obbligu taì manteniment li kellu jivversa kien dak taì §1,000 wara l-bejgh tad-dar matrimonjali u kienu qablu verbalment li jhallas biss §800 fix-xahar, minhabba problemi finanzjarji, dan ghandu jitnaqqas peress li meta bieghu d-dar matrimonjali u cioeì ¨ The Croft º fl-Inghilterra, kienet saret ekwiparazzjoni inekwa. Hawnhekk il-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti, in kwantu l-attur jikkontendi li dan l-isproprozjon sar bì60% a favur il-konvenuta, sabiex jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi nuqqas taì manteniment fil-futur, fìkaz li jkun hemm diffikultajiet finanzjarji da parti tieghu.

Madanakollu, il-konvenuta tirribatti dan u tikkontendi li dan l-isproprozjonar kellu jsir peress li kellha krediti favuriha li kienu jikkonsistu fìdonazzjoni li tawha l-genituri taghha li jikkonfermaw dan, kif ukoll self li kien inghatawlhom minghand zijuha, li huwa kkonfermat mill-attrici nomine, kif ukoll prelevament taì cirka §41,000 li kienet harget hi stess bhala sehemha biex giet akkwistata d-dar matrimonjali.

Ghaldaqstant, ghalkemm l-attur jikkontendi li dina d-differenza fil-qsim mill-profitti tal-bejgh tad-dar matrimonjali kien sabiex il-konvenuta tissalvagwardja l-hlas taì manteniment, din it-tezi ma treggix in kwantu jirrizulta li kien hemm diversi prelevamenti favuriha u ghalkemm jinsisti li ma jezistux provi dokumentarji, huwa stess jikkonferma dawn il-krediti in kontro-ezami. Di piuì l-genituri tal-konvenuta ikkonfermaw dan is-self ukoll. Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenuta tirrizulta iktar verosimili.

In sostenn taì dan kollu, dina l-Qorti thoss li mìghandhiex takkolji l-ewwel talba attrici in kwantu ma jezistux provi ¨ cari, konkreti u inekwivoci º li jiggustifikaw varjazzjoni fil-klawsola 6 tal-kuntratt taì separazzjoni.

**<u>Hlas taì Spejjez Edukattivi u Medici</u>**

Il-Qorti thoss li mìghandhiex tidhol fid-dettal fuq dan il-mertu, in kwantu li l-konvenuta accertat li kemm-il darba dina l-Qorti takkolji t-talba taghha li tibqaì tircievi §1,000 fix-xahar ghall-minuri bhala manteniment, disposta li tassumi l-hlas taì l-ispejjez edukattivi u tas-sahha wahedha.

Ghaldaqstant, tichad it-tieni talba u sejra tilqaì r-rabaì talba in parte billi tordna varjazzjoni fi klawsola 9 fis-sens li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**<u>It-tielet talba attrici</u>**

In kwantu jirrigwarda dina t-tielet talba attrici fejn l-attrici nomine qed titlob in-nullitaì tal-proceduri li fethet il-konvenuta fit-18 taì Settembru, 2018 fejn allegat li hemm arretrati taì manteniment u talbet ghall-ordni tal-infurzar li mexxiet bih l-Inghilterra u dan ghaliex ma sarux skond ir-rekwiziti tal-ligi.

Il-Qorti tirrileva li l-attur ipprezenta sottomissjonijiet dettaljati fuq dina t-talba, filwaqt li l-konvenuta ftit li xejn ipprezentat sottomissjonijiet sabiex tirribatti dak allegat minnu.

Il-konvenuta tibqaì tikkontendi li ghandha tiehu arretrati fl-ammont taì §47,000 u qed tippretendi l-hlas taghhom peress li ssostni li l-attur kien naqas milli jhallas kemm il-manteniment, kif ukoll l-ispejjez edukattivi u tas-sahha. Sabiex tenforza tali pretensjoni, il-konvenuta intavolat proceduri fit-18 taì Settembru, 2018, fejn ressqet rikors generali (Nr. 417/18) ai termini tar-Regolament tal-Kunsill (K.E) Nru. 4/2009 dwar il-gurisdizzjoni, il-ligi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjonjiet u l-kooperazzjoni fìmaterji relatati maì obbligi taì manteniment.

L-attur qed jikkontesta tali proceduri stante l-fatt li qatt ma gie notifikat bìdan ir-rikors u lanqas mgharraf bis-smiegh tieghu.

Jirrizulta li bìdigriet kamerali datat 24 taì Settembru, 2018, it-talba tal-konvenuta sabiex tipprezenta l-istess rikors giet milqugha u ghalhekk imxiet mal-Awtoritaì Centrali fl-Inghilterra (LBMEC) tramite dik korrispondenti Malta sabiex permezz tal-Qorti Ingliza tezegwixxi t-talba sabiex tirkupra minghand l-attrici nomine l-allegati arretrati u fl-istess waqt tenforza l-hlas taì manteniment skond il-kuntratt taì separazzjoni.

Il-Qorti tirrileva li l-attur ipprova jissimplifika u jpingi proceduri li sehhew bejn l-Qrati Maltin, il-Malta Central Authority, ir-REMO u l-UK Central Authorities bhala xi haga semplici. In realtaì mìhemmx xejn minn dina s-simplicitaì u hemm konfuzjoni totali bejn dawn l-awtoritajiet. Kien il-kompitu tieghu li jikkomunika

lil dina l-Qorti l-proceduri kif sehhew u zvillupaw wara li l-konvenuta pprezentat ir-Rikors Generali taghha li gie milqugh bìdigriet kamerali fl-24 taì Settembru, 2018.

Fìdak ir-Rikors, il-konvenuta riedet tenforza l-klawsoli tal-manteniment u hlas taì edukazzjoni u sahha quddiem il-¨ Family Court Barnet (West London) º fejn dan kellu jkun fl-ammont taì §1000 fix-xahar ( peress li nbieghet id-dar matrimonjali fìLancashire).

Bìdigriet taghha, il-Family Court Barnet (West London) fis-17 taì Dicembru, 2020, rrifjutat it-talba tal-attur sabiex jigu sospizi l-proceduri tal-¨ enforcement º u filwaqt li kkonfermat li ghandu jkompli jhallas l-§1,000 fix-xahar bhala manteniment, iddeterminat is-segwenti :-

> ***¨ The issue of quantum is not a matter for us to consider, To dispute quantum the Payer would need to make an application to the Maltese Courts and as noted in (a) above, there are no longer any ongoing proceedings in Malta, We therefore refused to consider the issue of quantum of arrears. We informed the Payer that we are not here to deal with quantum but with enforcement. º***[12]

Fit-18 taì Dicembru, 2020 u cioeì l-ghada li nhareg l-¨ enforcement º mill-Qrati tal-Inghilterra, Dr. Anthea Whitney Turner, baghtet email lil Dr. Anthony Degiovanni, in rapprezentanza tal-Malta Central Authority, fejn baghtet tinfurmah li l-Qrati Inglizi, kienu malinformati li mìhemmx proceduri fl-Qrati Maltin u accennat li l-problema kienet li l-Awtoritaì ma kinitx ghamlet ricerka

[12] A fol.194 – 195

siewja, ghaliex il-proceduri kienu miftuhin fiisem omm l-attur nomine u cioeì l-kaz odjern.

Effettivament, dan wassal ghall-kambjament fid-decizjoni tal-Qrati Inglizi, fejn il-Barnet Family County Court, harget ordni fit-23 taì Frar, 2021 u gharrfet li l-Malta Central Authority kienet ghamlet zball meta di fatti kienu jezistu l-proceduri odjerni. Ordnat ukoll li ¨ ***Both the Payee and Payer accept the issue of quantum and level of arrears shall be determined by the Maltese Court and the amount paid by the Payer pursuant to the order of the 17th December, 2020 shall be set against the level of maintenance and any arrears as determined by the Maltese Courts. º***

Il-Qorti taì Barnet imbaghad waslet sabiex issospendiet l-¨ enforcement proceedings º sakemm ikun hemm ezitu mill-Qrati Maltin.

Huwa hawn fejn saret konfuzjoni shiha, ghaliex meta l-attur fetah il-kawza mìghamel ebda talba sabiex jhallas xi arretrati li fil-mori tal-kawza ammetta li ghandu jhallas. Jekk il-konvenuta riedet tipprocedi ghall-talba tal-arretrati setghet *in pessima ipotesi,* ghamlet kontro-talba fidawn l-istess proceduri, ghaliex effettivament, il-Qorti taì Barnet ghamiltha cara li hi qiedgha hemm biex tordna l-infurzar u mhux biex tikkwantifika u tiddeciedi fuq l-arretrati. Carament, kien jispetta li l-Qrati Maltin jaghmlu dan.

Madankollu, il-konvenuta qatt ma kienet prekluza li tistitwixxi proceduri biex tirkupra dak li thoss li huma arretrati taì hlas taì manteniment. It-talba tal-attur biex jigi dikjarat li l-azzjoni li hadet il-konvenuta saru kontra r-rekwiziti tal-ligi huma pjuttost frivoli u ma jaghtuh ebda rimedju. Donnu l-attur ried dikjarazzjoni minn din il-Qorti biex jiskorja punt kontra ex martu. Tali talba ma ssib ebda sostenn fil-ligi taghna, u ghaldaqstant ser tigi respinta.

Illi, ghalhekk, l-unika talba illi sejra tintlaqaì hija dik fejn il-kuntratt ghandu jigi emendat billi l-hlas tal-manteniment jinkludi s-sehem tal-attur ghall-ispejjez taì sahha w edukazzjoni tal-minuri, u ghalhekk l-attur mìghandux aktar spejjez xìjhallas salv ghall-manteniment fix-xahar.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqtaì u tiddeciedi billi :-

i) Tichad l-ewwel talba attrici u izzomm ferm klawsola 6 fil-kuntratt taì separazzjoni datat 2 taì Mejju, 2016.

ii) Tordna li l-klawsola 9 tal-kuntratt taì separazzjoni datat 2 taì Mejju, 2016 tigi varjata fis-sens li l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jithallsu interament mill-konvenuta.

iii) Tichad it-tielet talba attrici.

iv) Tilqaì r-rabaì talba attrici u tordna lin-Nutar Dr. Jean Carl Debono sabiex jippubblika l-kuntratt kif emendat, billi l-manteniment indikat jinkludi l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni, u ghalhekk tordna li tali kuntratt, hekk emenedat, jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registrar**